MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 607/2003

Carmelo sive Charles Briffa
vs
Giuseppa sive Josephine Spicer

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha premetta:

Billi l-attur hu t-tifel ta’ Antonio Briffa li miet fit-tlettax (13) ta’ Dicembru 2002, certifikat tal-mewt anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok CB1.

Billi d-decujus permezz tat-testment tieghu datat tlettax (13) ta’ April tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dr. Hugh Grima, kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok CB2, innomina u istitwixxa bhala eredi universali u padruna assoluta tal-gid kollu tieghu lill-konvenuta Giuseppa sive Josephine Spicer bis-

sostituzzjoni favur it-tifla taghha Carmen Tufigno f'kaz ta' premorienza.

Billi l-konvenuta hi persuna estranja ghall-imsemmi defunt u billi t-testatur li kellu disghin sena fid-data tat-testment, ma kienx fil-pjeni poteri mentali u intelletwali tieghu u ghalhekk ma kienx fil-kapacita` li jiddisponi minn hwejjgu ghal wara mewtu, skond il-ligi.

Billi ghalhekk, wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt huwa nieqes u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi dan jirrendi t-testment precitat bhala null u bla effett legali in kwantu kif kellu jirrizulta, il-volonta` tat-testatur kienet karpita b'vizzju tal-kunsens stante li fid-data tal-imsemmi testment it-testatur ma kellux l-uzu tar-raguni u dan ai termini tal-artikolu 968 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi l-validita` tat-testment hawn impunjat jinsab b'raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti ohra adoperati mill-konvenuta li approfittat ruhha mill-istat prekarju tas-sahha fizika u mentali tat-testatur.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-kunsens moghti mill-attur fuq l-imsemmi kuntratt kien wiehed vizzjat stante li fid-data tat-testment it-testatur ma kellux il-fakoltajiet mentali u intelletwali kollha u ghalhekk ma kienx kapaci skond il-ligi sabiex jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li t-testment tat-13 ta' April 2002 maghmul minn Antonio Briffa fl-atti tan-Nutar Hugh Grima huwa null u ta' ebda effett legali minhabba nuqqas ta' kapacita` tal-istess testatur li jikkuntratta.

4. In konsegwenza ta' dan, tiddikjara u tiddeciedi li s-successjoni tal-istess Antonio Briffa ghandha tkun regolata mit-testment precedenti datat 17 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Giuseppa sive Josephine Spicer li eccepiet:

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenuta eccepiet illi l-azzjoni hekk kif promossa mill-attur hija guridikament insostenibbli stante li mic-citazzjoni stess irrizulta li l-azzjoni giet impostata a bazi ta' l-Artikolu 966 tal-Kodici Civili ***et sequitur*** liema disposizzjonijiet jirregolaw il-kuntratti in generali, filwaqt li t-testmenti fid-dritt nostrali huma regolati skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu III, Taqsima II, tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili.

2. Illi, in linea preliminari wkoll, il-konvenuta eccepiet illi l-premessi huma neboluzi u legalment addirittura skorretti stante li l-attur qieghed irrefera ghat-testment in disamina bhala "kuntratt" filwaqt li t-testmenti huma regolati b'disposizzjonijiet ohra tal-ligi u certament illi "testment" ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "kuntratt" ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kodici Civili.

3. Illi, in linea preliminari wkoll, it-talbiet attrici huma insostenibbli u kellhom jigu michuda preliminarjament stante li l-attur qieghed jitlob li jigi annullat it-testment ai termini ta' l-Artikolu 968, filwaqt li fl-aghar ipotesi l-Artikolu li japplika jekk wiehed jikkunsidra l-premessi hekk kif impostati mill-attur huwa l-Artikolu 597 (d) tal-Kodici Civili u mhux dak indikat mill-attur kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet tieghu.

4. Illi, fil-mertu, il-konvenuta eccepiet illi meta ghamel it-testment Antonio Briffa dan kien fil-pjeni sensi skond dak

rikjest mil-ligi hekk kif kellu jkollha l-opportunita` li tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk tali testment huwa assolutament validu ai fini kollha tal-ligi.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Ikkunsidrat

Illi f'din is-sentenza hu importanti ghalkemm ikollha ssir ftit ta' ripetizzjoni li jigi analizzat preciz il-kontenut tac-citazzjoni u l-eccezzjonijiet. Fic-citazzjoni wara li ssemma li l-attur hu t-tifel ta' Antonio Briffa li miet u li kien ghamel testment datat tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dr Hugh Grima, innomina u istitwixxa bhala eredi universali u padruna assoluta tal-gid kollu tieghu lill-konvenuta Giuseppa sive Josephine Spicer, liema konvenuta hi persuna estranja ghall-imsemmi defunt, u li t-testatur kellu disghin sena fid-data tat-testment, u ma kienx fil-pjeni poteri mentali u intelletwali tieghu u ghalhekk ma kienx fil-kapacita` li jiddisponi minn hwejjgu ghal wara mewtu, skond il-ligi. Wara jinghad li wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt huwa nieqes u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta, u li dan jirrendi t-testment precitat bhala null u bla effett legali in kwantu kif ghandu jirrizulta, il-volonta` tat-testatur kienet karpita b'vizzju tal-kunsens stante li fid-data tal-imsemmi testment it-testatur ma kellux l-uzu tar-raguni u dan ai termini tal-artikolu 968 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment l-attur talab li jigi dikjarat li l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li l-kunsens moghti mill-attur fuq l-imsemmi kuntratt kien wiehed vizzjat stante li fid-data tat-testment it-testatur ma kellux il-fakoltajiet mentali u intelletwali kollha u ghalhekk ma kienx kapaci skond il-ligi sabiex jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu.

Illi l-kliem li ntuzaw fl-eccezzjoniji preliminari hi li l-kawza hija "guridikament insostenibbli" [ma ntqalx li c-citazzjoni hija nulla – liema nullita` ta' l-atti hija kunsidrata taht il-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 789(1) tal-Kap 12.

Jibda biex jinghad li mkien fil-Ligi tal-Procedura, m'hemm imsemmi li biex attur jista' jressaq il-kawza tieghu, bilfors irid isemmi l-artikolu specifiku tal-ligi.  Fil-fatt, fl-Artikolu 156(1) tal-Kap 12, jitfissru l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxu l-att tac-citazzjoni.

"Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha –
a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba;
b) it-talba jew it-talbiet, li ghandhom ikunu numerati".

Izda, fil-kaz odjern, issemma l-Artikolu 966 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.  Huwa minnu li dawn l-artikoli jaqghu taht it- Titolu li jirregola l-kuntratti.  U indubbjament, testment u kuntratt huma distinti.  Dan johrog ukoll mid-definizzjonijiet ta' dawn it-tnejn moghtija fid-dispozizzjonijiet tal-Ligi nnifishom, hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 588 u 960 tal-Kap16.

Tant hu hekk, li tezisti distinzjoni bejn it-tnejn li l-legislatur ghazel li jqieghed iz-zewg istituti taht zewg Titoli diversi, u fil-fatt huma regolati b'dispozizzjonijiet differenti.  Kuntratt isir bejn tnejn min-nies u jirrikjedi li jkun hemm l-offerta u l-accettazzjoni biex kuntratt ikun validu.  Filwaqt, li fil-kaz ta' testment, huwa t-testatur wahdu u r-rieda tieghu li jiddisponi minn gidu wara mewtu li huwa essenzjali.  Dan wassal ghall-konkluzjoni li z-zewg kuncetti huma distinti u

seperati. Ghaldaqstant, stante li l-ilment f'din il-kawza jirrigwarda testment, id-dispozizzjoni applikabbli fir-rigward tal-kapacita ***o meno`*** tad-***decujus***, li jaghmel testment skond il-ligi, huwa l-Artikolu 597 tal-Kap 16, u mhux l-Artikolu 968.

Jinghad li ma saret ebda talba ghall-korrezzjoni taht l-artikolu 175 tal-Kap 12.

Indiskutibbilment il-Qorti ghandha meta tista', li zzomm hajja citazzjoni bil-korrezzjonijiet opportuni li zgur ikun ferm ahjar milli jigu dikjarati nulli citazzjonijiet biex wara jigu intavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll illum hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin idealment l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista' jkun. Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza n-natura ta' l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi.

Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas. Dan il-principju llum sab pero` temperament b'applikazzjoni tat-teorija tal-ekwipollenti li ssanzjonat il-principju li mhijiex necessarja ebda formula espressa ghall-propozizzjoni ta' l-azzjoni. Citazzjoni m'ghandiex tigi ritenuta nulla hlief ghar-ragunijiet gravi - ara **Marianna Muscat Dr Joseph Cassar** deciza mill-Prim' Awla fid-9 ta' Marzu, 1965. Hawn bizzejjed assodat fil-gurisprudenza taghna li kull meta huwa possibbli sakemm il-ligi stess ma timponix in-nullita`, l-atti gudizzjarji ghandhom jigu salvati. In-nuqqas tal-prezentazzjoni tad-dokument m'ghandux jigbed is-sanzjoni tan-nullita`. Fil-kawza **Joseph Borg vs Alice Grech** deciza mill-Appell Civili Superjuri 14 ta' Novembru 1994 inghad li hawn m'hawnx nuqqas ta' forma. L-Ewwel Qorti setghet ordnat lill-Kumpanija li tesebixxi d-dokument qabel ma tibda l-kawza. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Fenech Martin vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali 31 ta' Ottubru 1988 f'appell minn rikors dwar ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn fir-rikors promotorju ta' l-appell il-Qorti gie indikat bhala l-Qorti ta' l-Appell u l-

appellat eccepixxa n-nullita` ta’ l-appell. L-appellant talab korrezzjoni fis-sens li l-kliem "Qorti ta’ l-Appell" jigu sostitwiti bil-kliem "Qorti Kostituzzjonali". Il-Qorti laqghet it-talba, u ordnat il-korrezzjoni u cahdet l-eccezzjoni tan-nullita`. Tali korrezzjoni kienet fil-poter tal-Qorti li takkorda; il-Qorti kellha l-poter li ssewwi kull zball fl-appell.

Biex twassal ghan-nullita' ta’ att gudizzjarju hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali – ara Appell Civili Superjuri **Ellul E vs Agnese Gera de Petri** 21 ta’ April 1995. Difett procedurali ma jgibx in-nullita' ta' l-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju – ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta’ Mejju, 1998. Il-Qorti rriteniet li l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ citazzjoni ghandha tintlaqa’ biss b’cirkospezzjoni – ara **Joseph Attard vs Lorenzo Fenech** Kummerc 13 ta’ Majju, 1983.

Izda fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna dejjem giet dikjarata n-nullita` kull meta procedura li skond il-ligi kellha ssir fil-forma ta' certu att gudizzjarju giet istitwita b’forma ta’ att divers, per ezempju rikors, flok petizzjoni jew vice versa. Il-Qorti ma tistax tiddispensa minn forma partikolari ta' att espressament komminat mil-ligi u tippermetti flokha forma ohra – ara **Joseph Said vs Anthony Cardona** Apell Superjuri Civili 23 ta’ Marzu, 1983. L-artikolu 164 tal-Kap 12 jitkellem dwar nullita` ta’ atti migjuba taht forma ohra.

Nigu issa specifikament ghall-kaz in ezami. Dak li nghad fic-citazzjoni hu sufficjentement car u hemm tifsira tal-oggett u rikorrent-raguni tat-talba. U taht dan l-aspett ic-citazzjoni setghet giet salvata. Hu ovvju li l-attur jixtieq jattakka l-validita` tat-testment imsemmi u dan fuq il-bazi tan-nuqqas tal-fakultajiet mentali ta’ Antonio Briffa fil-mument li ghamel it-testment tieghu.

Izda x’talab l-attur? Hawn il-Qorti sejra tirriproduci l-ewwel zewg talbiet:

1. Tiddikjara li l-imsemmi kuntratt huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 966 subinciz (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara li l-kunsens moghti mill-attur fuq l-imsemmi kuntratt kien wiehed vizzjat stante li fid-data tat-testment it-testatur ma kellux il-fakoltajiet mentali u intelletwali kollha u ghalhekk ma kienx kapaci skond il-ligi sabiex jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu.

U ghal dan il-konvenuta eccipiet li l-azzjoni kif promossa mhix guridikament sostenibbli. U l-Qorti thoss li jkollha tilqa’ l-istess eccezzjoni ghax kif tista’ f’din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi ***kuntratt*** huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu ***966 subinciz (a) tal-Kap 16*** meta qedghin nitkellmu fuq testment! Kif tista’ l-Qorti tiddikjara li l-kunsens moghti ***mill-attur*** fuq l-imsemmi ***kuntratt*** kien wiehed vizzjat! Lanqas il-konvenuta ma semmiet dan l-aspett izda t-tieni talba tirreferi ghall-kunsens moghti mill-***attur fuq kuntratt***!

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Ghall-motivi fuq imsemmija tilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------